MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Numru. 1047/2005

PULIZIJA
SPETTUR JOSRIC MIFSUD
VS
ELAINE SEGUNA
REEPAULA VELLA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Elaine Seguna, ta' 17-il sena, bint Aldo u Janette nee' Fava, imwielda Pieta' nhar it-12 ta' Gunju 1987 u residenti fil-fond 29, Janald, Triq is-Sinja, Kalkara, u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru266787(M); kif ukoll Reepaula Vella, ta' 17-il sena, bint Stephen u Rita Grace nee' Thornton, imwielda Pieta' nhar is-27 t'Awissu 1987 u residenti fil-fond 47, Fuq Verdala, Bormla, u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 386887(M);
u akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, nhar id-19 t'Ottubru 2004, gol-Belt Valletta u postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer:

(a) ikkommettew serq ta' HSBC Quick Cash, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Tiziana Scicluna mill-Belt Valletta;
(b) u aktar talli fl-istess data, ikkommettew serq ta' flus fl-ammont ta' mitejn u sitta u tletin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm236.75), billi permezz ta' l-HSBC, xtraw diversi affarijiet minn diversi hwienet gol-Belt Valletta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, persuna, lok u valur, ghad-detriment ta' Tiziana Scicluna;
(c) u aktar talli fl-istess cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' mitejn u sitta u tletin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm236.75), bi hsara ghal Tiziana Scicluna mill-Belt Valletta;
(d) u aktar talli bi hsara ta' haddiehor, ghamlu xi qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) u aktar talli fil-Belt Valletta, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 6) u tal-imputati (a fol 22 u 23) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati (a fol 20).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputati jirripensaw ruhhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom, din il-Qorti ssib lill-imputati hatja ta’ l-akkuzi (a), (b) u (c), b’assorbiment ta’ l-akkuza (d), u tilliberah mill-akkuza (e), li hija sussidjarja ghall-akkuzi (a) u (c), u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 271, 279(a) u 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u Artikolu 7 tal-Kap 446, tqieghdhom taht ‘probation order’ ghal perjodu ta’ sentejn, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci tal-kaz, inkluz l-ammissjoni ta’ l-imputati, il-fedina penali netta taghhom, l-eta’ giovvanili ta’ l-imputati u l-fatt illi r-resfurtiva giet ritornata lura lill-kwerelant fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------